MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2006

Numru 766/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**MARK ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK ATTARD** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Andrew u Rita nee Muscat, imwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 1973 u joqghod 5, Triq l-Karmnu, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 363073M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hdax ta’ Gunju 1998 u fix-xhur ta’ qabel f’Malta:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor;

b. talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tac-chassis tal-vettura tal-ghamla Ford Transit [numru ta’ registrazzjoni D-7103] u minfloku wahhal numru tac-chassis ta’ vettura ohra tal-ghamla Ford Transit [numru ta’ registrazzjoni J-6914];

c. talli fl-istess zmien u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem mill-Kummissarju tal-Pulizija, ghamel, ordna jew gieghel l-ghemil ta’, xi tibdil fic-chassis tal-vettura tal-ghamla Ford Transit, liema vetturi ghandhom in-numru ta’ registrazzjoni J-6914 u D-7103.

d. Talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 50 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datata hmistax ta’Novembru 1993 [awla 1], liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz s-sentenza moghtkija mill-Qorti tal-Magistrat (Malta) per Magistrat Dottor Miriam Hayman nhar d-disgha ta’ Novembru 2005 [fol 189] w is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta’ Marzu 2006 fil-konfront tal-imputat odjern [fol 213].

Rat li din il-kawza bdiet fis-sena 1998 u giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta wara s-sebgha ta’ Marzu 2006, meta l-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan il-kaz.

Rat wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat kif presentata fl-atti nhar t-tnejn ta' Marzu 2006 [fol 224] w in-nota responsiva tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2006 [fol 232].

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-hamsa ta' Lulju 2006 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lil Qoti tghaddi ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 1999 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 20] u spjega li fis-sitta w ghoxrin ta' Mejju 1998, il-pulizija fl-ghassa ta' Hal Qormi kienet irceviet rappaort li f'Handaq Road, Qormi, kien hemm xi vetturi li kienu qed jiehdu n-nar. In-nar intefa u l-persuna li kienu fuq l-post allegatament semmew lil imputat.

Huwa ghalhekk baghat ghal imputat u beda jinvestigah fuq dan l-incident pero dwar dak l-incident ma rrizultat ebda prova sabiex iressqu l-Qorti, izda minn aktar investigazzjonijiet ulterjuri li saru fil-garaxx ejn jahem l-imputat, l-pulizija sabet vettura tal-ghamla Ford Transit bla magna, bin-numru tac-chassis issegat b'xi reklam ta' xi kumpanija mal-gemb tal-body tal-istess van.

Fuq il-post waslu l-membri tad-dipartiment tal-forensika u fl-ekwati nnjutaw Ford Transit iehor li kellu n-numru tac-chassis imwahhal u dan kien jaqra SFAVXXBDVVBJ 00587 bin-numru ta' registrazzjoni J-6914 li kienet tghajjat lil Joseph Brownridge.

Ix-xhud tkellem ma dan Joseph Brownrigg li qalu li kien biegh din il-vettura lil Paul Pullicino li kellu hanut ta' auto parts fi Triq Hal Qormi.

Irrizulta aktar tard li n-numru tac-chassis li kien tnehha mill-vettura li l-pulizija sabet fil-garaxx tal-imputat, kien gie mwahhal fuq dan il-van li allegatament kien gie mibjugh lil Paul Pullicino.

Ix-xhud kompla jinvestiga l-kaz u waqt l-interrogazzjoni tal-imputat odjern, dan ammetta mieghu li kien xtara z-zewg Ford Transits in kwistjoni, dik bin-numru ta' registrazzjoni J-6914 minghand Paul Pullicino u dak bin-numru ta' registrazzjoni D-7103 minghand s-socjeta Swan Laundry. Ammetta wkoll [kif sahansitra jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar l-hdax ta' Gunju 1998 esibita bhala dokument MC a fol 24 tal-atti] li huwa kien bi hsiebu jarma l-van Transit bin-numru ta' registrazzjoni D-7103 ghas-show tal-karozzi u kein qala c-chassis number tieghu peress li kellu s-sediel, u kien ghalhekk li qala dik l-parti tal-plate u pogga dan n-numru tal-vettura J-6914 fuq il-vettura D-7103 li kienet ghand l-electrician.

Sussegwentement l-pulizija qabdet iz-zewg vetturi u x-xhud esibihom waqt d-deposizzjoni tieghu [fol 22] li gew mmarkati bhala dokumenti MC 1 u MC 2 rispettivament.

Fis-sitta w ghoxrin ta' Frar 1999 **xehed Brian Farrugia** ghan-nom w in rappresentanzatal-ADT [fol 18] u wara ricerka li gie mitlub jaghmel mill-prosekuzzjoni, irrizulta li l-vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni D-7103 tappartjeni lil Alfred Pisani ghan-nom tas-socjeta Swan Laundry & Dry Cleaning Company Limited u dan sa mill-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1990 u din kellha chassis number BDVVAK 276990 filwaqt li l-vettura tal-istess ghamla bin-numru ta' registrazzjoni J-6914 ilha tghajjat lil Angelo Cassar sa mit-tnejn ta' Lulju 1997 u li kellha chassis number SFAVXXBDVVBJ 00587 u kienet ilha garaxxjata sa mill-hmistax ta' Settembru 1997.

Nhar s-sebgha ta' Mejju 1999 **xehed Joseph Brownrigg** [fol 29] w ikkonferma li hu kien biegh vettura tal-ghamla van Transit ghal iscrap lil certu Angelo Cassar skond l-ircevuta esibita minnu bhala dokument JD [fol 31] ghal prezz ta' hames mitt lira maltin.

Nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 1999 il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil PC 1525 Patrick Farrugia sabiex jezamina l-vann tal-marka Ford Transit u jirrelata

dwar c-chassis number tieghu [fol 17]. Jirrizulta pero li nhar s-sebgha ta’ April 1999 din n-nomina giet revokata.

Dan nonostante nhar s-sebgha ta’ Mejju 1999 deher dan l-istess espert PC 1525 Patrick Farrugia u halef r-relazzjoni tieghu li giet ippresentata w immarkata bhala dokument PF w id-difiza qatt ma oggezzjonat ghal dan d-dokument.

Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-vettura in kwistjoni li hu ezamina kellha n-numru tac-chassis stampat fil-parti ta’ quddiem fejn il-magna, pero dan kien parzjalment mibrux w imnezzgha miz-zebgha u kellu raxx ta’ sadid. In-numru kif muri fir-ritratti F 4 u F 5 fir-relazzjoni dokument PF juru in-numru tac-chassis bhala SFAVXXBDVVBJ 00587. Illi huwa nehha z-zebgha u l-materjal kollu mit-dintorni w innota li l-pjanca li fuqha hemm stampati c-chassis number kien kellu welding w ghalhekk mbaghbas u mhux dak mahrug mill-fabbrika.

**Stephen Vella xehed** nhar s-sebgha ta’ Mejju 1999 [fol 43] w ikkonferma li l-van muri fir-relazzjoni dokument PF fuq imsemmija huwa l-van li hu kellu fil-garaxx tieghu Wied il-Ghajn u li kien ser jaghmel xi xoghol ta’ elettriku fuqu izda ma lahaqx ghamlu ghaliex il-pulizija elevaw l-istess vann minghandu.

**Paul Pullicino wkoll xehed** nhar s-sebgha ta’ Mejju 1999 [fol 45] w ikkonferma li kien biegh van Transit bin-numru ta’ registrazzjoni J-6984 ta’ Brownrigg lil imputat odjern u dan bic-chassis number SFAV X 6 BDV BJ 00582. Qal li kien partat dan il-van ma Angelo Cassar

**John Mansueto xehed** nhar s-sebgha ta’ Mejju 1999 [fol 48] u qal li huwa general manager tas-socjeta Swan Laundry Dry Cleaners w ikkonfema li biegh vann Transit lil Mark Attard l-imputat presenti fl-awla.

**Michael Falzon xehed** nhar l-hdax ta’ Gunju 1999 [fol 52] w ikkonferma li huwa kien hajjar lil Joseph Brownrigg ibiegh l-pvan Transit tieghu lil Angelo Cassar. Ikkonferma

wkoll li dan il-van kellu reklam tad-ditta ta’ Brownrigg mdawwar mal-vann kollu.

**Jean Claude Cassar xehed** nhar l-hdax ta’ Gunju 1999 [fol 54] w ikkonferma li huwa kien ha sehem fil-ftehim bejn Michael Falzon u missieru Angelo Cassar. Ikkonferma wkoll li l-van nxtara ghal prezz ta’ hames mitt lira maltin.

Illi fis-sebgha ta’ April 1999 din il-Qorti diversament preseduta issostitwiet lil espert forensiku PC 1525 Patrick Farrugia bl-espert tekniku Joseph Zammit bl-istess inkarigu moghti lil imsemmi espert forensiku PC 1525 Patrick Farrugia [fol 26]

Nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 1999 deher l-espert tekniku **Joseph Zammit** w ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument JZ [fol 65]. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-vettura li kien ezamina hija tal-marka Ford Transit li kienet mizmuma fil-kwartieri tal-SAG f’Ta’ Kandia. Din kienet zarmata mkinn bosta partijiet, bla numru ta’ registrazzjoni u minghajr chassis number.

Illi nhar d-dsatax ta’ Jannar 2000 **rega’ xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 80] u esibixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hmistax ta’ Novembru 1993 fl-ismijiet Iil-Pulizija – Spettur John Rizzo v Mark Attard li giet mmarkata bhala dokument MC [fol 75].

Nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Frar 2000 **xehed l-ex spettur tal-pulizija David Saliba** [fol 83] u qal li jaghraf lil imputat odjern bhala l-istess persuna kontra min inghatat s-sentenza esibita w immarkata bhala dokument MC. Stqarr li huwa kien Surgent u kien assista lil allura Spettur John Rizzo fl-investigazzjoni tieghu u kien presenti wkoll meta giet moghtija s-sentenza.

**L-imputat xehed** nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2001 [fol 101] w ikkonferma l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja, liema stqarrija tinsab esibita fl-atti a fol 24 markata bhala dokument MC. F’din l-istqarija huwa kien ammetta li kien xtara zewg vannijiet, wiehed bil-pjanca tan-numru ta’

registrazzjoni u l-iehor le. Qal li dak li ma kellux pjanci hallih fil-garaxx tieghu ghaliex xtaq jippreparah ghal xi show w ghalhekk tul dak z-zmien kien jaghmel xi xoghol fuqu. F'xi zmien dan l-istess van hatu ghand xi electrician biex isir xi wiring go fih. Wara xi jiem kien cempillu l-electrician Stephen u qallu li huwa kien gie misruq u waqt li l-pulizija kienu fil-garaxx tieghu, nnutaw il-van in kwistjoni u gihom suspett hazin fih. Huwa ghalhekk qabad u qata pjanca tac-chassis number minn fuq vettura ohra li kellu u mar iwahhlu fuq dak l-van li kien ghand l-electrician. Ikkonferma li dan kien l-istess vann li kien xtara minghand Swan Laundry filwaqt li l-van l-iehor minn fejn qata l-pjanca kien xtrah minghand Paul Pullicino bir-reklam ta' Bronwrigg fuqu.

Fix-xhieda li ta l-Qorti viva voce l-imputat dahal fid-dettal ta' kif kien bi hsiebu jressaq din il-vettura li kien xtara minghand Swan Laundry ghas-show. Ikkonferma pero li ghalkemm kien ser jaghmel hafna xoghol ta'tizjin fuqha, qatt ma kien ser igib il-vettura fi stat li tahdem. Spjega li dan hu d-delizju tieghu u fil-fatt fis-seduta tat-tmienja ta' Jannar 2003, huwa ta dettalji ta' kif kienqed juza l-vettura.

Nhar l-hdax ta' Settembru **2002 xehed ghal darb'ohra l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 127] w esibixxa ritratt mehud minn PS 1374 Edgar Dalli tal-vettura meta nstabet fil-garaxx tal-electrician imsemmi Stephen Auto Electricain f'Marsascala.

Illi nhar d-disgha ta' Novembru 2005 il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta, b'sentenza taghha fl-ismijiet premessi, kienet sabet lil impuat hati tal-akkuzi tar-reat ta' falsifikazzjoni u talli ghamel alterazzjoni fil-vettura minghajr apparovazzjoni mitluba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal sentejn w illiberatu mill-akkuzi l-ohra.

Illi l-imputat intavola appell minn din s-sentenza nhar s-sittax ta' Novembru 2005 [fol 193] u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess ismijiet premessi nhart-tnejn ta' Marzu 2006 [fol 213], s-sentenza moghtija

mill-Qorti tal-Magitrati giet annullata u gie ordnat li l-imputat appellat jitpogga fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u sabiex terga tinghata sentenza mill-gdid, skond l-ligi.

Illi sussegwentement quddiem din il-Qorti, l-imputat ippresenta nota ta' sottomissjonijiet u sostna li peress li huwa ma kienx appella mis-sentenza kollha izda biss minn dik l-parti fejn l-imputat nstab hati, qllura dik l-parti tas-sentenza li ma gietx trattata, hija *res judicata* w ghalhekk, a bazi tal-principju *ne bis in idem*, din il-Qorti m'ghandhiex taghti sentenza ohra, izda ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawk l-akkuzi.

In oltre, d-difiza sostniet, li peress li l-vettura 'n kwistjoni ma kellhiex magna, allura d-disposizzjoni tal-Kap 65 ma tapplikax ghaliex fil-fehma tieghu, din l-Ordinanza taffettwa biss vetturi bil-mutur. Sostniet wkoll li chassis number m'ghandux jitqies bhala dokument ai fini tal-artikolu 189 tal-Kap 9. Id-difiza stqarret wkoll li l-mens rea tal-imputat kien nieqes w ghalhekk qatt ma messu nstab hati ta' falsifikazzjoni u finalment li r-reat taht l-artikolu 91(1)(a) tar-Regolamenti tat-Traffiku jista jirrizulta wkoll preskritt.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi principalment d-difiza qed issostni u tissolleva l-princpju ta' *res judicata* minhabba l-fatt li l-imputat kien diga nghata sentenza mill-Qorti tal-Magistrati nhar d-disgha ta' Novembru 2005 fl-ismijiet premessi u minn dawk l-akkuzi kien gie liberat u ma sarx appell; kien diga gie gudikat w ghalhekk m'ghandux jigi sottomess ghal gudizzju iehor.

L-elementi tar-*res judicata* huma essenzjalment tnejn u dan kif gew elenkati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Dominic Abela** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 2000*** fis-sens li:

1. L-istess persuna tkun akkuzata fil-proceduri <u>separati</u>; u
2. L-akkuza <u>sussegwenti</u> trid tkun bazata fuq l-istess fatt li l-persuna akkuzata tkun gia giet gudikata fuqha precedentement.

L-artikolu 527 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirregola dan il-principju u jipprovdi is-segwenti:

*"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax. ghal istess fatt, ikun soggett ghal kawza ohra."*

Issa, kif tajjeb irrileva l-Kummissarju tal-Pulizija fin-nota tieghu, l-imputat gie mressaq il-Qorti darba u moghti l-akkuzi odjerni. Is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati, giet appellata u l-Qorti tal-Appell Kriminali iddecidiet li tilqa l-appell u tpoggi lil imputat fl-istess posizzjoni li kien immedjatament qabel m'inghatat is-sentenza minnha u dan sabiex xorta jibqalu l-fakulta ta' *doppio esame*.
Illi ghalhekk la dawn il-proceduri ghadhom ghaddejjin u l-imputat ghad m'ghandux decizjoni finali fil-konfront tieghu, ma jistax iqajjem l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*. Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati giet dikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-intier taghha w ghalhekk, l-imputat ghandu jinghata sentenza mill-gdid skond l-ligi. Il-kaz huwa wiehed u ghadu ghaddej, konsegwentement tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar id-difiza li l-vettura 'n kwistjoni ma taqax fil-parametri tal-Kap 65 ghax m'ghandhiex mutur, il-Qorti ghandha s-segwenti osservazzjoni x'taghmel.

Minn ezami tal-Kap 65 li huwa l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku ma jirrizultax x'hini t-tifsira li ghandha tinghata ghal verb "*saq*" fis-sens x'jikkostitwixxi sewqan ai fini ta' din l-Ordinanza u ghalhekk il-Qorti hasset li kellha taghmel ricerka fil-kotba inglizi rigward l-legislazzjoni tat-traffiku sabiex tasal ghal definizzjoni ta' tali tifsira. Fil-fehma tal-Qorti fit-tifsira semplici tal-verb '*isuq*' dan jfisser li l-persuna trid tuza l-kontroll taghha

sabiex tiehu hsieb l-movimenti u direzzjoni tal-vettura. Ma jimpurtax li l-vettura ma hiex qed tinsaq taht l-kontroll tal-mutur taghha, izda miexja jew taht xi forza ta' gravita jew billi tigi mbutata minn xi terza persuna ghaddejja fit-triq. Li hu importanti u mehtieg f'dan il-kaz hu, li s-sewwieq juza l-kapacita tieghu bil-kontroll effettiv tieghu biex jiggwida d-direzzjoni tal-vettura, irrispettivament kif tali direzzjoni hija prodotta.

**Richard McMahon** fil-ktieb tieghu ***A Practical approach to Road Traffic Law (pg. 9)*** jispjega li:

"*There are an infinite number of ways in which a person may control the movement of a motor vehicle, apart from the orthodox way of sitting in the driving seat and using the engine for propulsion. He may be coasting down a hill with the gears in neutral and the engine switched off, he may be steering a vehicle, which is being towed by another. He may be sitting in the driving seat while others push, or half sitting in the driving seat, but keeping one foot on the road in order to induce the car to move.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Seychell v Bool (1948) 2 All ER 83** gie tenut li sewwieq li kien bil-qeghda wara l-i*steering* u rrilisja l-*barkes*, u li l-vettura mxiet mitt jarda, u li *petrol* fit-*tank* ma kienx hemm, u li l-magna ma lahqitx qabdet, xorta tqis li kien qed isuq.

Fit-tielet lok, d-difiza eccepiet li *chassis number* m'ghandux jitqies bhala dokument ai fini tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar s-sbatax ta' Ottubru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Galea** fejn giet iccarata l-posizzjoni dwar jekk *chassis number* jikkostitwix dokument. Dik il-Qorti irrilevat li:

*"Ghal finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita, ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta'*

*talba jew dikjarazzjoni ta' volunta. S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss s-sinjali alfabetici izda tinkludi dawk numerici, stenografati u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies.*

*Il-kitba f'dan s-sens tista ssir kemm bil-id, kif wkoll b'mezzi mekkanici, b'mezzi indellibbli jew li jista jithassar, u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, import temporanjament il-messagg - karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastic etc…"*

Aktar tard f'din is-sentenza dik il-Qorti tkompli tghidli:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-pjanca fejn ikun hemm imnizzel in-numru tac-chassis hu dokument, ghalkemm dokument privat."*

Ghalhekk, fil-fehma ta' dik il-Qorti il-pjanca fejn ikun hemm mnizzel in-numru tax-*chassis* hu dokument, ghalkemm dokument privat. In fatti, permezz ta' dak in-numru jew kodici iehor li jkun hemm fuqu, l-kumpanija li tkun immanufatturat ix-*chassis*, tkun qed tiggarantixxi mhux biss dak l-oggett fih nnifsu u l-kwalita tieghu, izda wkoll li tforni informazzjoni dwar data, post u dettalji ohra ta' process ta' manufattura. Huwa ben saput li ghal inqas f'Malta hu ferm difficili jekk mhux addirittura impossibbli, li vettura tigi debitament registrata mal-Pulizija jekk ma jkollhiex fost ohrajn ix-*chassis number* (ara r-regolament 17(1)(a) tar-Regolament tal-1994 dwar Vetturi bil-Mutur) b'mod ghalhekk li l-falsifikazzjoni ta' dak in-numru (fil-kaz odjern billi jitnizzel numru falz) tammonta ghal falsifikazzjoni "*li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili*" [artikolu 187(1) tal-Kap 9] u ghalhekk tammonta ghal falsifikazzjoni ta' dokument fis-sens tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali.

Id-difiza sostniet wkoll li l-imputat ma kellux l-*mens rea*. Il-Qorti thoss li ma hemmx dubbju li l-imputat xjentement ghen sabiex il-pulizija tinghata taghrif falz [dwar il-vettura li fir-rigward taghha pogga l-pjanca mbaghbsa] u dan billi ppresenta l-vettura tieghu sabiex isir dan t-tbaghbis fuqha

u dan bil-ghan li jinganna lil pulizija ezekuttiva. Fil-fatt, il-falsifikazzjoni fic-*chassis number* tammonta ghal falsifikazzjoni *'li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utili*' u li ghalhekk tammonta ghal falsifikazzjoni ta'dokument fis-sens tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali citat aktar 'l fuq.

Finalment, d-difiza sostniet li reat, kif dispost fl-artikolu 91(1)(a) tar-Regolamenti tat-Traffiku jsita jirrizulta wkoll preskritt. Illi ma hemmx dubbju li l-artikolu 91 tal-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994 huwa kontravenzjoni u mhux reat w ghalhekk il-perjodu preskrittiv hu dak ta' tlett xhur, u cioe bl-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994, illum gie emendat diversi drabi, l-ahhar darba permezz tal-Avviz Legali numru 44 tas-sena 2006. L-artikolu 91 ta' dan l-Avviz Legali baqa l-istess minn meta giet ippresentata din il-kawza w ghalhekk konsegwentement din t-tielet akkuza hija preskritta, peress li r-reat sehh qabel l-hdax ta' Gunju 1998 u l-kawza giet ppresentata fit-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru 1994 w ghalhekk oltre t-tlett xhur.

Ikkunsidrat wkoll:

Li mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat ghamel falsifikazzjoni fic-*chassis number* tal-vettura tal-ghamla Toyota Van li nstabet fil-garaxx ta' Stephen Auto Electrician f'Marsascala u dan billi iwweldja *chassis number* ta' vettura ohra fuqha b'mod volut bl-intiza li jaghmel l-*messa in scena* rikjesta biex jinganna lil pulizija fl-investigazzjoni taghha.

Jirrizulta wkoll li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-artikolu 50 izda mhux ai termini tal-artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti rat l-fedina penali tal-impuat kif ppresentata quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn fejn jirrizulta li ghandu tmien convictions registrti fuqha dwar akkuzi li holoq tracci ta' reati, frodi u diversi reati u kontravenzjonijiet konnessi mal-uzu ta' karozzi, fejn gie moghti sentenzi ta' prigunerija sospiza, multi u *conditional discharges*, pero dan nonostante, l-imputat ma tghallimx

mill-esperjenzi tieghu w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha timponi piena karcerarja fil-konfront tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 50, 189, 308, 309, 310 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 91 tal-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994 kif sussegwentement emendat, **tiddikjara li ssib lil imputat MARK ATTARD hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, salv u b'eccezzjoni tat-tielet [3] akkuza, mill-liema akkuza il-Qorti qed tastjeni li tiehu konjizzjoni stante preskrizzjoni, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sena mill-lum.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti rat li f'dan  il-kaz kienu gew nominati l-espert tekniku Joseph Zammit u PC 1525 Patrick Farrugia [fol 67 u 38] w ghaldaqstant **tordna lil imputat ihallas lid-Direttur tal-Qorti s-somma ta' mija erbgha w disghin lira w ghaxar centezmi [LM194.10] fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat minnu.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti ghal dan l-ghan.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-konfiska taz-zewg vetturi esibiti formalment mill-Ispettur Maurice Curmi fix-xhieda tieghu nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 1999 bhala dokument MC 1 u MC 2 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------